

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

**dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/590/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, il-Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li stabilixxa l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi Euratom <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħhom,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0131/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur-Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur-Ġenerali tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Martin SCHULZ

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 366, 15.12.2011, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

<sup>(4)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.